MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 748/2000/1

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**C.J.P. Tarmac Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-korporazzjoni attrici fil-5 ta' Gunju, 2000 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u hamsin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm550.15), rapprezentanti danni minnhom jew minn impjegati tas-socjeta' konvenuta kkagunati f'high *tension cable feeder*, proprjeta' tal-korporazzjoni attrici li dan sehh nhar it-2 ta' Ottubru, 1998 gewwa Haz-Zabbar, kif ukoll ihallsu l-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data minn meta kien dovut l-ammont relattiv sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata Marzu 2000, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet tal-Korporazzjoni attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi s-socjeta' konvenuta mhijiex responsabbli ghall-hsarat allegati fl-avviz billi qdiet fedelment l-inkarigu taghha minghajr ma kienet negligenti b'xi mod skond kif allegat fl-avviz.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament:

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi b'permess mahrug fis-17 ta' Lulju 1998, f'Ottubru ta' l-istess sena, s-socjeta' konvenuta bdiet thammel il-wicc ta' Triq il-Hofra, Haz-Zabbar sabiex isir iz-zrar u wara wicc tat-tarmac. Waqt illi kien qed isir ix-xoghol intlaqat *cable* ta' l-Enemalta. Ta' dan il-korporazzjoni attrici qieghda tfittex lis-socjeta' konvenuta ghad-danni kawzati. Min naha taghha s-socjeta' konvenuta qieghda tghid li mhijiex responsabbli peress illi l-*cable* kien biss pied taht il-wicc u b'hekk ma kienx tort taghha illi ntlaqat.

Ikkunsidrat:

Il-versjoni moghtija mis-socjeta' konvenuta hija sa certu punt, ikkorroborata bil-provi migjuba mill-korporazzjoni attrici. Tant hu hekk a fol 19 fejn gie esebit kopja ta' l-

*incident report,* inghad fost affarijiet ohra li x-xogholijiet kienu qeghdin isiru "*….. for forming of road and asphalting".* Dan kien ifisser quindi li ma kienx hemm ghalfejn isir l-iskavar, imma biss it-thammil tal-wicc. Joseph Zahra a fol 40 li huwa d-direttur tas-socjeta' konvenuta, kkonferma illi l-permessi kienu kollha f'idejh, qal ukoll li x-xoghol li kien qed isir fi Triq il-Hofor kien ta' thammil u mhux ta' skavar.

Emanuel Cassar foreman mal-korporazzjoni attrici xehed a fol 29 *"naf illi dan kien qieghed jiskinja t-triq. Kien qieghed inehhi l-hamrija bl-iskop li eventwalment tifforma t-triq, aktar wiesa milli kienet. Izda thaffir ma kienx qed isir."* Dawn il-versjonijiet huma wkoll korroborati mir-ritratti esebiti f'dawn l-atti fejn a fol 46 jidher dan il-*cable* ftit pulzieri taht il-wicc. Dan ir-ritratt juri l-cable kif kien ezatt wara li ntlaqat u gie esebit minn Joseph Zahra. Ir-ritratti l-ohra juru t-trinka illi saret wara l-incident sabiex il-*cable* jitqieghed f'livell aktar baxx milli fil-fatt kien.

Ikkunsidrat:

Dawn il-fatti jikkorroboraw il-versjoni moghtija mis-socjeta' konvenuta. Il-Qorti hija propensa li taccetta li l-*cable* kien biss ftit pulzieri taht il-wicc ta' l-art, fejn allura kien jaghmilha aktar facli sabiex jitlaqat bil-gaffa waqt ix-xoghol ta' thammil biex issir triq bit-*tarmac*.

Hu ben saput li f'kawza civili biex l-attur ikollu success ghall-istanza tieghu, jrid jipprova li huwa sofra danni tort tal-konvenut minhabba traskuragni jew negligenza da parti ta' dan ta' l-ahhar. Jekk dan ma jsirx almenu fuq bazi ta' probabbilita', allura l-attur ma jistax jippretendi illi l-kawza tieghu ser tirnexxi. F'dan il-kaz il-Qorti jidhrilha li l-korporazzjoni attrici ma lahqitx dik il-grad ta' prova rikjesta ghas-success ta' l-istanza taghha. Huwa probabbli li l-versjoni moghtija mis-socjeta' konvenuta hija korretta peress li hija korroborata bix-xhieda, dokumenti u ritratti li gew esebiti, f'liema kaz allura s-socjeta' attrici trid taccetta l-fatt li ma kienx hemm responsabbilta' doluza da parti tas-socjeta' konvenuta. Minghajr din ir-responsabbilta', s-

socjeta’ konvenuta ghandha dritt topponi b’success it-talba tal-korporazzjoni attrici.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi li tichad it-talba tal-korporazzjoni attrici. Bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------